



C/2024/6883

28.11.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar pjan ta' azzjoni għal lawrja Ewropea

(COM(2024)144)

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja

(COM(2024) 145 final – 2024/0078 (NLE))

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Sistema Ewropea ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità u ta' Rikonossiment fl-Edukazzjoni Għolja

(COM(2024) 147 final – 2024/0079 (NLE))

(C/2024/6883)

Relatur: **Tatjana BABRAUSKIENĒ**

Proċedura leġiżlattiva	Mhux applikabbli
Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 29.5.2024
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea	COM(2024) 144 COM(2024) 145 COM(2024) 147
Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) rilevanti	SDG 4 – Edukazzjoni ta' Kwalità
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	4.9.2024
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.9.2024
Sessjoni plenarja Nru	590
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	158/0/3

1. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE):

1.1. **jenfasizza** li l-edukazzjoni hija dritt fundamentali u ben pubbliku, bl-għan li l-istudenti jitħejjew għall-ħajja, ix-xogħol u l-parteċipazzjoni f'soċjetajiet demokratiċi; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jieħdu azzjonijiet konkreti biex itejbu l-kwalità, l-ekwità, l-ugwaljanza, u l-inklużjoni soċjali fl-edukazzjoni għolja, u jiżguraw li l-politiki jkunu mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-kuntasti speċifiċi tal-komunitajiet tagħhom;

1.2. **ihegġegħ** lill-UE tissalvagwardja l-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali billi tistabbilixxi mekkaniżmi trasparenti għall-monitoraġġ u timplimenta b'mod effettiv ftehimiet mill-Proċess ta' Bologna, b'mod partikolari l-Communiqué Ministerjali ta' Tirana u d-dikjarazzjoni taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja dwar il-valuri fundamentali;

1.3. **jitolb** monitoraġġ imtejjeb tal-aċċess ugwali għal gruppi sottorappreżentati u soċjoekonomikament żvantaġġati fl-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tagħlim permanenti, pożizzjonijiet ta' riċerka, u rwoli ta' tmexxija, bl-għan li jiġu stabbiliti miri u skedi ta' żmien li jistgħu jitkejlu, bl-użu tal-prinċipji u l-linji gwida taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja⁽¹⁾;

1.4. **jappoġġja** t-trawwim ta' programmi konġunti fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fi ħdan u lil hinn mill-proġetti tal-Alleanza Universitarja Ewropea, billi tiġi żgurata l-assigurazzjoni tal-kwalità u jsir allinjament mal-istandards taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u jiġu inklużi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-implimentazzjoni tagħhom, waqt li jiġu promossi opportunitajiet ta' tagħlim interdixxiplinari u interkulturali;

1.5. **jirrakkomanda** qafas Ewropew b'rabta mal-karrieri li jiżgura s-sigurtà tal-impjieg, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u aċċess ugwali għal pożizzjonijiet akkademiċi, żviluppat f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li jirrispetta d-djalogu soċjali u ċivili, it-trade unions akkademiċi u l-imsieħba soċjali. Dan il-qafas għandu jinkludi linji gwida ċari dwar il-progressjoni tal-karriera u l-appoġġ għad-diversità u l-inklużjoni;

1.6. **jitolb** li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-qafas Ewropew tal-karrieri għall-edukazzjoni għolja u r-riċerkaturi biex tittejjeb il-kwalità tat-tagħlim u tar-riċerka, u jhegġegħ valutazzjoni mill-għdid tas-sistemi ta' evalwazzjoni u l-iżvilupp professjonali, sabiex jiġi pprovdut bilanċ li jiffavorixxi l-kwalità tat-tagħlim u l-eċċellenza tar-riċerka;

1.7. **jisħaq** fuq il-ħtieġa ta' riżorsi adegwati, inklużi investiment pubbliku sostenibbli u fondi semplifikati tal-UE, għal implimentazzjoni effettiva ta' dawn l-inizjattivi, b'enfasi fuq it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, u l-użu effiċjenti tal-fondi;

1.8. **jirrakkomanda** appoġġ għall-evalwazzjoni tar-rikonoxximent awtomatiku permezz ta' proċessi ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jinvolvu lis-settur tal-edukazzjoni, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, biex jiġi żgurat l-allinjament mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u tithegġegħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex tinholq sistema ta' rikonoxximent aktar integrata;

1.9. **jenfasizza** l-importanza tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-edukazzjoni għolja u tal-istudenti, kif ukoll li jiġu rispettati d-drittijiet tal-awtur u li l-intelliġenza artifiċjali tintuża b'mod responsabbli, b'infrastruttura diġitali, appoġġ u taħriġ adegwati għall-persunal u l-istudenti;

1.10. **jenfasizza** l-importanza tal-multilingwiżmu fi programmi konġunti ta' edukazzjoni għolja sabiex jiġu appoġġjati l-integrazzjoni u l-mobbiltà Ewropea, u jiġi offrut taħriġ lingwistiku għal esperjenzi prattiċi ta' tagħlim u apprendistati, u tiġi promossa d-diversità lingwistika bħala komponent ewlieni ta' edukazzjoni kompluta.

2. NOTI TA' SPIEGAZZJONI

2.1. Il-KESE jenfasizza l-Opinjoni tiegħu dwar *Pakkett dwar l-edukazzjoni għolja*⁽²⁾, li tappoġġja s-sejħa tal-inizjattiva biex l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jsaħħu l-kooperazzjoni transnazzjonali. Din il-kooperazzjoni ttejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi tal-istudenti għat-tranżizzjonijiet doppji fis-suq tax-xogħol u fl-ekonomija, u tiddefendi l-valuri, l-identità u d-demokrazija tal-UE.

2.2. Il-KESE japprezza li l-pakkett jirrikonoxxi kemm il-kompetenza nazzjonali fuq l-edukazzjoni għolja kif ukoll l-awtonomija istituzzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u jenfasizza l-importanza tad-difiża u l-promozzjoni tal-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali bħala prinċipji fundamentali għal sistemi tal-edukazzjoni għolja li jiffunzjonaw tajjeb u ta' kwalità għolja.

⁽¹⁾ Komunikat ta' Ruma (2020).

⁽²⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għall-Universitajiet" (COM(2022) 16 final) u l-"Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja" (ĠU C 290, 29.7.2022, p. 109).

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.1

2.3. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-inizjattiva hija volontarja, u tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE fl-edukazzjoni u l-awtonomija u l-libertà akkademika tal-istituzzjonijiet. Madankollu, għandha l-għan li thegġegħ lill-gvernijiet jadattaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-kwalifiki u l-proċessi tal-assigurazzjoni tal-kwalità. L-inizjattiva se tkun marbuta wkoll ma' strumenti oħra tal-UE u mal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2027), u se tappoġġja l-qafas taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u l-implimentazzjoni tal-SDGs billi jiġi adottat approċċ flessibbli li jirrispetta s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri varji u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

2.4. L-inizjattiva primarjament tqis l-edukazzjoni għolja bħala mod kif jittaffew in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE, inkluż billi jiġi attirat talent minn pajjiżi oħra. Madankollu, ma tindirizzax il-kwalità tal-impjieg, l-istrateġiji għall-prevenzjoni tal-eżodu ta' mħuħ globalment u fl-UE, jew il-promozzjoni tal-innovazzjoni fit-tagħlim u l-apprendiment għall-iżvilupp komprensiv tal-istudenti.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.2

2.5. Il-KESE japprezza li l-inizjattiva tenfasizza l-protezzjoni tal-libertà akkademika – valur ewlieni tal-edukazzjoni għolja. Madankollu, il-Monitoraġġ tal-Libertà Akkademika tal-Parlament Ewropew 2023 juri tnaqqis fil-libertà akkademika fil-pajjiżi kollha tal-UE. Għalhekk huwa kruċjali għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Grupp ta' Segwitu ta' Bologna li jimmonitorjaw aħjar il-libertà akkademika, peress li hija marbuta mal-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni għolja u mal-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal fi ħdan il-programm Erasmus.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.3

2.6. Il-KESE jilqa' l-għan tal-inizjattiva li tagħmel l-edukazzjoni għolja aktar inklużiva, iżda jinsisti li huma meħtieġa miżuri b'saħħithom biex jitħaffew il-progress f'dan il-qasam.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.4

2.7. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-inizjattiva tirrispetta l-kompetenza nazzjonali fl-edukazzjoni għolja u l-awtonomija istituzzjonali. Barra minn hekk, jilqa' l-fatt li l-lawrji Ewropej mhumix maħsuba biex jissostitwixxu l-lawrji nazzjonali, se jingħataw minn korpi nazzjonali u li l-ħruġ tagħhom se jkun volontarju għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal kollaborazzjoni wiesgħa fost il-partijiet interessati biex l-inizjattivi jiġu implimentati b'mod effettiv, b'enfasi partikolari fuq il-valuri fundamentali tal-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-persunal wara l-Proċess ta' Bologna. Huwa kruċjali li wieħed jaderixxi mal-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, li jindirizzaw l-assigurazzjoni tal-kwalità interna u esterna kif ukoll l-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.5

2.8. Il-KESE jappoġġja l-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja, li tfittex li tiżgura tagħlim ta' kwalità għolja u kooperazzjoni transnazzjonali permezz ta' ambjent tax-xogħol liberu, sikur u stabbli. F'konformità mas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali u l-prinċipju tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali, dan jinkludi l-iżguraw tad-dritt ta' involviment f'negozjar kollektiv, djalogu soċjali effettiv mat-trade unions tal-edukazzjoni, il-libertà akkademika, l-inklużività, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sigurtà tal-impjieg u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. Skont is-sistema nazzjonali kkonċernata, dan jista' jinkludi liv edukattiv imħallas u sabbatiċi biex jappoġġjaw tagħlim u riċerka ta' kwalità tajba. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati d-djalogu soċjali Ewropew u nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi, u li jissaħħaħ l-appoġġ għall-kumitati tad-djalogu soċjali settorjali Ewropej, b'mod partikolari dawk iffukati fuq l-edukazzjoni u l-karrieri akkademiċi. Huwa jirrakkomanda emenda biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi eżistenti tal-kumitat tad-djalogu soċjali.

2.9. Minħabba l-kompetenza nazzjonali fl-organizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u r-riċerka, u t-tnaqqis jew l-instabbiltà tal-investiment pubbliku f'haġna pajjiżi tal-UE, il-persunal ikkonċernat qed jiffaċċja nuqqas ta' sigurtà akbar fl-impjieg peress li jiġu offruti kuntratti ta' impjieg fuq terminu qasir relatati ma' kuntratti bbażati fuq kompiti jew proġetti.

2.10. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu riveduti l-kriterji għat-tikketta tal-lawrji Ewropej billi jiġu involuti aktar Stati Membri u partijiet interessati. Pereżempju, il-parteċipazzjoni tal-persunal fil-governanza tal-edukazzjoni għolja, kif enfassizzat fil-Communiqué ta' Ruma, hija valur fundamentali tal-Proċess ta' Bologna. Id-djalogu soċjali u l-governanza kolleġġjali huma kruċjali fit-tfassil ta' politiki u programmi tal-edukazzjoni għolja li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. Madankollu, il-lista riveduta proposta ta' kriterji għal lawrja Ewropea bħalissa tinvolvi biss rappreżentanti tal-istudenti fil-proċess tat-tehdid tad-deċizzjonijiet, bl-esklużjoni tal-persunal. Fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu stabbiliti l-miżuri rilevanti għaż-żamma, l-adattament jew it-titjib tal-kwalità, taħt ir-responsabbiltà tal-impjegatur u f'konformità mal-istatuti tal-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja kkonċernata.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.6

2.11. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Proposta hija mmirata lejn il-persunal "li jaħdem f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jagħmlu kemm tagħlim kif ukoll riċerka, u persunal li jgħalliem biss jew fil-biċċa l-kbira, irrISPettivament mill-istatus tagħhom". Minħabba d-diversità tas-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-UE, spiss ikun diffiċli li jiġu separati r-rwoli tat-tagħlim u tar-riċerka. Għalhekk, iż-żewġ oqfsa tal-karrieri għandhom jaħdmu flimkien, waqt li jiżguraw li l-assistenti studenti u l-kandidati għad-dottorat ikunu protetti b'mod adegwat.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.7

2.12. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal investiment pubbliku sostenibbli fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, peress li d-dipendenza minn finanzjament ibbażat fuq il-proġetti żżid kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji għall-persunal u tnaqqas l-involviment tal-partijiet interessati fil-proġetti. Il-konnessjoni bejn il-lawrji Ewropej u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għall-programm Erasmus+ se tirrikjedi impenji mill-Istati Membri biex iżidu l-baġits fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, kif ukoll impenn mill-Kummissjoni Ewropea biex tassisti aħjar lill-Istati Membri fl-integrazzjoni ta' diversi linji ta' finanzjament (bħall-FSE+, il-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni, Erasmus+, l-istrument ta' appoġġ tekniku, il-FEŻR, eċċ.) biex jiġi żgurat appoġġ finanzjarju komprensiv għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.8

2.13. Il-KESE jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata mobbiltà ġusta għall-ħaddiema u għall-istudenti u l-persunal fl-edukazzjoni għolja fi ħdan l-UE, u li jiġu rikonossuti l-lawrji fis-suq tax-xogħol billi jiġu definiti b'mod ċar l-eżiti tat-tagħlim u b'konformità mal-Konvenzjoni ta' Liżbona dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki. Il-KESE jappella għall-involviment tal-partijiet interessati rilevanti tas-suq tax-xogħol fid-definizzjoni ta' programmi ta' studju li għandhom rilevanza partikolari għas-suq tax-xogħol. Sabiex jiġi stabbilit rikonossiment awtomatiku fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja kollha, l-Istati Membri jeħtieġ li jsegu l-impenji tagħhom u jipprijoritizzaw l-assigurazzjoni tal-kwalità bħala l-pedament ta' dan l-isforz. Dan jirrikjedi investiment ta' riżorsi fl-adattament tal-leġiżlazzjoni u fl-appoġġ tal-korpi ta' rikonossiment.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.9

2.14. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja.

Argumenti b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni 1.10

2.15. Il-KESE jtenni l-importanza ta' esperjenzi ta' studju multikulturali u multilingwi għall-istudenti tal-edukazzjoni għolja.

3. EMENDI PROPOSTI GĦALL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Emenda 1

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.2

COM(2024) 145 final

Punt 2(a)(i)

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
(i) jiżguraw li l-politiki tar-riżorsi umani fis-settur tal-edukazzjoni għolja jirrikonossu u jippremjaw rwoli differenti simili tal-persunal akkademiku, bħat-tagħlim, ir-riċerka, l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-involviment tan-negozju u tal-komunità, l-iżvilupp reġjonali u lokali, il-mentoraġġ, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni, il-parteċipazzjoni fil-governanza istituzzjonali;	(i) jiżguraw li l-politiki tar-riżorsi umani fis-settur tal-edukazzjoni għolja jirrispettaw il-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali, waqt li jirrikonossu u jippremjaw rwoli differenti simili tal-persunal akkademiku, bħat-tagħlim, ir-riċerka, l-intraprenditorija u l-inno-

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
	vazzjoni, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, l-involvement tan-negozju u tal-komunità, l-iżvilupp reġjonali u lokali, il-mentoraġġ, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni, il-parteċipazzjoni fil-governanza istituzzjonali;

Raġuni

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jvarjaw b'mod sinifikanti, u l-persunal tagħhom għandu rwoli differenti. It-trattament u l-ippremjar ta' kompiti differenti ħafna bl-istess mod mhuwiex prattiku u jimmina l-kwalità tar-riċerka u l-edukazzjoni, li huma essenzjali għal dawn l-istituzzjonijiet.

Emenda 2
marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.5
COM(2024) 145 final
Premessa 15
Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
(15) Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tappoġġa l-organizzazzjoni ta' djalogu soċjali ddedikat fil-livell tal-Unjoni dwar il-karrieri tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali, tiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar mekkaniżmi effettivi li jiżguraw ir-rikonoxximent tal-involvement tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali, u attivitajiet ta' tagħlim innovattivi; u tappoġġa l-politika bbażata fuq l-evidenza u l-monitoraġġ tal-progress billi timmappja, permezz tal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja [55] id-data eżistenti dwar il-karriera fl-edukazzjoni għolja u l-politika tal-persunal fil-livell Ewropew, nazzjonali u istituzzjonali, u tidentifika l-lakuni u l-ħtiġijiet tad-data.	(15) Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tkompli tappoġġa l-organizzazzjoni ta' djalogu soċjali ddedikat fil-livell tal-Unjoni dwar il-karrieri tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali (b'mod partikolari fi ħdan id-djalogu soċjali settorjali Ewropew fl-edukazzjoni), tiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar mekkaniżmi effettivi li jiżguraw ir-rikonoxximent tal-involvement tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali, u attivitajiet ta' tagħlim innovattivi; u tappoġġa l-politika bbażata fuq l-evidenza u l-monitoraġġ tal-progress billi timmappja, permezz tal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja[55], id-data eżistenti dwar il-karriera fl-edukazzjoni għolja u l-politika tal-persunal fil-livell Ewropew, nazzjonali u istituzzjonali, u tidentifika l-lakuni u l-ħtiġijiet tad-data.

Raġuni

Id-djalogu soċjali settorjali Ewropew fl-edukazzjoni, li jinkludi s-settur tal-edukazzjoni għolja, ilu jikkollabora mal-Kummissjoni Ewropea dwar karrieri akkademiċi. Il-KESE għandu dubji dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit kumitat ta' djalogu soċjali separat, speċjalment minħabba t-tnaqqis fil-baġit tad-djalogu soċjali tal-Kummissjoni.

Emenda 3

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.5

COM(2024) 145 final

Punt 1(e)

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
(e) jinkoraġġixxu l-possibbiltà li l-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali jipprattika t-tagħlim tul il-ħajja, inkluż billi jmur fuq liv sabbatiku għall-finijiet tat-titjib tal-ħiliet meħtieġa għal attivitajiet edukattivi tranżnazzjonali.	(e) jinkoraġġixxu l-possibbiltà li l-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali jipprattika t-tagħlim tul il-ħajja, inkluż, fejn is-sistema nazzjonali tipprevedi dan , billi jmur fuq liv imħallas edukattiv u liv sabbatiku għall-finijiet tat-titjib tal-ħiliet meħtieġa għal attivitajiet edukattivi tranżnazzjonali.

Raġuni

L-isforzi edukattivi transfruntiera jikkontribwixxu għat-titjib tas-soċjetà b'mod ġenerali. Madankollu, tali sforzi spiss jiġu sottovalutati, u l-individwi jkunu mistennija jwettqu dawn l-attivitajiet flimkien mar-responsabbiltajiet primarji tagħhom. It-titjib tal-ħiliet meħtieġa għall-akkademiċi kif inhu meħtieġ għandu jiġi integrat fid-dmirijiet primarji ta' individwu, waqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-piżijiet assoċjati għall-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali.

Emenda 4

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.6

COM(2024) 145 final

Premessa 16

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
(16) Il-Kummissjoni trawwem sinerġiji mar-Rakkomandazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex tattira u żżomm it-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa, biex tiżgura karrieri mtejbja u konsistenti għall-persunal akkademiku li jaħdem f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u li jkun involut kemm fit-tagħlim kif ukoll fir-riċerka.	(16) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ liż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u liż-Żona Ewropea tar-Riċerka jsiru aktar kompetittivi u tħeġġeġ lill-universitajiet fl-attivitajiet ta' riċerka ta' kwalità għolja tagħhom. Il-Kummissjoni trawwem sinerġiji mar-Rakkomandazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex tattira u żżomm it-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa, biex tiżgura karrieri mtejbja u konsistenti għall-persunal akkademiku li jaħdem f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u li jkun involut kemm fit-tagħlim kif ukoll fir-riċerka.

Raġuni

Il-kwalità tat-tagħlim u r-riċerka jeħtieġ li tittejjeb. Ir-Rakkomandazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 179 tat-TFUE u għandha tippromovi l-istess għanijiet relatati mar-riċerka ta' kompetittività u kwalità għolja deskritti fih.

Emenda 5

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.6

COM(2024) 145 final

Punt 2

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
2. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu, jirrikonoxxu u jivvalutaw diversi rwoli akkademiċi, inkluż tagħlim innovattiv u effettiv , u b'mod partikolari:	2. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu, jirrikonoxxu u jivvalutaw diversi rwoli akkademiċi, inkluż tagħlim u riċerka ta' kwalità għolja, inklużivi, innovattivi u effettivi , u b'mod partikolari:

Raġuni

Il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim u r-riċerka jeħtieġ li jissaħħu.

Emenda 6

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.9

COM(2024) 145 final

Premessa 11

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
(11) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tip-promwovi miżuri li jtejbu l-iżvilupp professjonali kontinwu, u li tirrikonoxxi aktar il-varjetà ta' attivitajiet li jwettqu l-persunal akkademiku. Dan se jippermetti mobilizzazzjoni sħiħa tal-persunal biex jiżviluppa tagħlim u apprendiment innovattiv, jistimula l-mentalità ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, u jippromwovi l-akkwist ta' ħiliet għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-tagħlim.	(11) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tip-promwovi miżuri li jtejbu l-iżvilupp professjonali kontinwu, u li tirrikonoxxi aktar il-varjetà ta' attivitajiet li jwettqu l-persunal akkademiku. Dan se jippermetti mobilizzazzjoni sħiħa tal-persunal biex jiżviluppa tagħlim u apprendiment innovattiv, jistimula l-mentalità ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, u jippromwovi l-akkwist ta' ħiliet għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż l-użu responsabbli tal-intelliġenza artifiċjali fit-tagħlim.

Raġuni

Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet ippreżentati mid-diġitalizzazzjoni tal-
edukazzjoni għolja. Il-premessa tenfasizza l-importanza tal-akkwist tal-ħiliet, b'mod partikolari fir-rigward tal-IA, li
l-istudenti jridu jitgħallmu jużaw. L-IA jeħtieġ li tiġi inkorporata fi Prattiki edukattivi sabiex l-użu responsabbli jkun jista' jiġi mgħallem fuq skala wiesgħa.

Emenda 7

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.5

COM(2024) 147 final

Anness II

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
Arranġamenti konġunti għall-programm konġunt Il-programm konġunt għandu politiki, proċeduri u/jew ar-rangamenti konġunti li jiddefinixxu l-ippjanar u t-twettiq tal-kurrikulu, kif ukoll il-kwistjonijiet organizzattivi u amministrattivi kollha. Ir-rappreżentanti tal-istudenti huma parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiddefinixxu l-politiki u l-proċeduri u/jew l-arranġamenti konġunti.	Arranġamenti konġunti għall-programm konġunt Il-programm konġunt għandu politiki, proċeduri u/jew ar-rangamenti konġunti li jiddefinixxu l-ippjanar u t-twettiq tal-kurrikulu, kif ukoll il-kwistjonijiet organizzattivi u amministrattivi kollha. Ir-rappreżentanti tal-istudenti u tal-persunal huma parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiddefinixxu l-politiki u l-proċeduri u/jew l-arranġamenti konġunti.

Raġuni

Il-KESE jenfasizza l-importanza tat-teħid demokratiku ta' deċiżjonijiet fil-livell istituzzjonali dwar arranġamenti konġunti għall-programm konġunt, peress li tali arranġamenti għandhom impatt fuq l-ammont ta' xogħol tal-persunal u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Emenda 8

marbuta mar-rakkomandazzjoni 1.8

COM(2024) 147 final

Anness II

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KESE
Rilevanza għas-suq tax-xogħol Il-programm konġunt jallinja mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol billi jinkorpora komponenti jew attivitajiet intersettorjali u l-iżvilupp ta' ħiliet trasversali.	Rilevanza għas-suq tax-xogħol Il-programm konġunt jallinja mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol – wara konsultazzjonijiet mal-atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol, speċjalment mal-imsieħba soċjali – billi jinkorpora komponenti jew attivitajiet intersettorjali u l-iżvilupp ta' ħiliet trasversali.

Raġuni

Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu involuti l-atturi tas-suq tax-xogħol meta jiġu definiti l-eżiti tat-tagħlim tal-programmi konġunti.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2024.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE